MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1210/2010

Banif Bank (Malta) plc (C 41030)
vs
1. Flower Services Ltd. (C 48069) bhala l-kumpanija debitrici principali u bhala garanti *in solidum* ma’ FP Tendering Ltd. (C 48068);
2. Flower Power (Sales) Ltd. (C 13901);
3. Central Properties Ltd. (C 14252); u
4. Jason Sammut personalment,
Ilkoll bhala garanti *in solidum* mal-kumpanija debitrici principali
U b’digriet ta’ l-4 ta’ Frar, 2011 Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Jean Pierre Busuttil gew nominati kuraturi deputati ghall-intimati kollha

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta’ Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-kumpanija debitrici principali hi wahda mill-klijenti tal-kumpanija attrici u bhal kumpaniji garanti konvenuti, hi kumpanija registrata taht il-Ligi ta’ Malta;

3. Illi l-kumpanija debitrici principali tisvolgi negozju relatat ma’ prodotti agrikoli u avvicinat lill-kumpanija attrici biex tissellef flus minghanda f’dan ir-rigward;

4. Illi *ai termini* tas-*Sanction Letter* datata 29 ta’ Marzu 2010, prezentata mar-rikors u immarkata Dok. 'A', il-kumpanija attrici sellfet lill-Kumpanija debitrici principali s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000);

5. Illi fil-lingwagg bankarju, is-somma mislufa tissejjah *'temporary excess’* u dan il-ghaliex din is-somma kellha tkun tifforma parti mis-somma komplessiva ta’ mitejn u ghaxart elef Euro (€210,000) li l-kumpanija attrici u l-kumpanija debitrici principali kienu ftiehmu li tat-tieni kellha tissellef minghand ta’ l-ewwel u dan *ai termini* ta’ Sanction Letter ohra li kopja taghha giet prezentata mar-rikors u immarkata Dok. ‘B’;

6. Illi l-kumpanija debitrici principali naqset li tonora dan il-ftehim bil-konsegwenza li s-self skond l-ahhar *Sanction Letter* ma sar qatt;

7. Illi in oltre, il-kumpanija attrici sarrfet numru ta’ cekkijiet mahruga mill-kumpanija debitrici principali bil-patt li din ta’ l-ahhar tiddepozita bizzejjed fondi biex ikopru l-ammont imhallas abbazi ta’ l-imsemmija cekkijiet, izda dawn il-fondi baqghu qatt ma gew depozitati. Kopji ta’ dawn ic-cekkijiet gew prezentati mar-rikors u immarkati Dok. 'C';

8. Illi l-ammont imhallas abbazi ta’ l-imsemmija cekkijiet jinkludi numru ta’ *bank charges*;

9. Illi minhabba dak hawn fuq premess, il-kumpannija attrici hi kreditrici tal-kumpanija debitrici principali fl-ammont segwenti:

- Kont Kurrenti bin-numru 00057860101 - Wiehed u erbghin elf, tlett mija u sittin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€41,360.21) liema somma tinkludi imghax li sa l-10 ta’ Novembru 2010 kien ta’ Mija u tlett Euro u erbatax-il centezmu (€103.14) (ara l-i*statement* tal-bank li gie prezentat mar-rikros u immarkat Dok' 'D’);

10. Illi dan l-ammont hu wkoll dovut lill-kumpanija attrici mill-konvenuti l-ohrajn, ossia Flower Power (Sales) Ltd., Central Properties Ltd. u Jason Sammut personalment u dan *stante* li dawn dahlu bhala garanti *in solidum* ma’ l-istess Kumpanija debitrici principali. Kopji tal-kuntratti ta’ garanzija gew prezentati mar-rikors u immarkati Dok. ‘E’, Dok. ‘F’ u Dok.’G’ rispettivament;

11. Illi in oltre, il-kumpanija debitrici principali dahlet bhala garanti *in solidum* mal-kumpanija FP Tendering Ltd. Ara kopja tal-kuntratt ta’ garanzija prezentat mar-rikors u immarkat Dok. ‘H’;

12. Illi l-kumpanija attrici ikkoncediet self lill-kumpanija FP Tendering Ltd. *ai termini* tas-*sanction Letter* datata 7 ta’ Dicembru 2009, prezentata mar-rikors u immarkata Dok. ‘I’, liema self kien jikkonsisti fis-segwenti:

- *temporary overdraft* - sbatax-il elf Euro (€17,000), u
- *bank guarantee* - elfejn, sebat elef u sebgha u sebghin Euro (€2,777);

13. Illi a rigward ta’ dan is-self, il-kumpanija attrici ghad trid tithallas minghand FP Tendering Ltd. l-ammont segwenti:

- Kont Kurrenti bin-numru 00057410101 - hames mija u erbatax-il Euro u tlettax-il centezmu (€514.13), liema somma tinkludi imghax li sa l-10 ta’

Novembru 2010 kien ta’ Euro u ghaxar centezmi (€1.10) (ara l-i*statement* tal-bank prezentat mar-rikors u immarkat Dok. ‘J’);

14. Illi in virtu` tal-kuntratt ta’ garanzija tal-kumpanija debitrici principali a favur FP Tendering Ltd., l-ammont dovut minn din ta’ l-ahhar lill-kumpanija attrici hu wkoll dovut mill-imsemmija kumpanija debitrici principali;

15. Illi mbaghad isegwi li l-ammont dovut minn FP Tendering Ltd. hu wkoll dovut mill-garanti *in solidum* mal-kumpanija debitrici principali u dan *stante* l-kuntratti ta’ garanzija li huma ghamlu ma’ l-istess kumpanija debitrici principali kif imsemmi aktar ’l fuq;

16. Illi ghalhekk, abbazi ta’ dak premess hawn fuq, l-ammont komplessiv dovut mill-konvenuti lill-kumpannija attrici hu dak ta’ Wiehed u erbghin elf, tmien mija u erbgha u sebghin Euro u erbgha u tletin centezmu (€41,874.34) u dan oltre l-imghax bl-ghola rata permessa mil-Ligi mill-10 ta’ Novembru 2010 sad-data tal-hlas effettiv;

17. Illi ghal diversi drabi, il-kumpanija attrici interpellat lill-kumpanija debitrici principali u lill-garanti *in solidum* maghha, biex ihallsuha s-somma dovuta, fosthom permezz ta’ ittra ufficjali datata 8 ta’ Ottubru 2010, prezentata mar-rikors u immarkata Dok. ‘K’, izda dawn baqghu inadampjenti;

18. Illi in oltre, jidher li l-kumpanija debitrici principali waqqfet hesrem l-attivita` kummercjali taghha;

19. Illi jidher ukoll li Jason Sammut, direttur uniku u *shareholder* uniku fil-kumpanija debitrici principali, kif ukoll direttur tal-kumpaniji garanti konvenuti u wkoll garanti personalment *in solidum* mal-kumpanija debitrici principali, halla Malta minghajr pre-avviz u m’hemm ebda informazzjoni fejn jinsab fil-prezent.  Ara estratt mill-gurnal prezentat mar-rikors u immarkat Dok. ‘L’;

20. Illi apparti dan, fil-Qrati ta' Malta nbdew diversi proceduri kontra l-kumpanija garanti tal-kumpanija debitrici principali, ossia Flower Power (Sales) Ltd. fosthom proceduri biex din tigi xolta. Ara l-lista prezentata mar-rikors u immarkata Dok. 'M';

21. Illi ghalhekk *ai termini* tas-*Sanction Letter* li abbazi taghha gie koncess is-self lill-kumpanija debitrici principali, sehhew wahda jew aktar mill-*events of default* li jirrendu d-dejn pagabbli lura b'mod immedjat, partikolarment, izda mhux esklussivament:

a) *Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility*,
b) *The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility*,
h) *The Borrower/s suspending or ceasing or threatening in suspending or ceasing to carry on its business*,
k) *In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs*,
n) *Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility*;

22. Illi l-imsemmi kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x' jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;

23. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, *ai termini* ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpannija attrici fis-somma ta' Wiehed u erbghin elf, tmien mija u erbgha u sebghin Euro u erbgha u tletin centezmu (€41,874.34); u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta' wiehed u erbghin elf, tmien mija u erbgha u sebghin Euro u erbgha u tletin centezmu (€41,874.34).

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2010 u l-mandati ta' inibizzjoni u sekwestru prezentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax legali bl-oghola rata permessa mil-Ligi mill-10 ta' Novembru, 2010, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront ta' l-istess konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Dr. Joseph Ellis u tal-P.L. Jean Pierre Busuttil, Kuraturi Deputati li biha eccepew:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri fl-eventwalita` li jkun hemm il-htiega.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Kuraturi Deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed Alfred Ferrante, *Custom Relationship Manager* mal-Banif Bank (Malta) u qal li kellu x'jaqsam mal-Flower Services Limited u li mid-data li gie prezentat ir-rikors guramentat ma sar ebda hlas mis-socjeta` intimata.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Semghet lil Dr. Joseph Ellis jiddikjara li kiteb lill-intimati fl-indirizz moghti lilu izda l-korrispondenza giet lura.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, *ai termini* ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilqa' l-istess talbiet rikorrenti filwaqt li tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' €41,874.34.

Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-kumpannija rikorrenti l-ammont komplessiv ta' €41,874.34.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Ottubru 2010 u l-mandati ta' inibizzjoni u sekwestru prezentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax legali bl-ghola rata permessa mil-Ligi mill-10 ta' Novembru, 2010, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, u b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija rikorrenti fil-konfront ta' l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------